**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Frar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Stephen Borg, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 155778M; u**

**Antonella Vella, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 405784M**

*Kumpilazzjoni Nru. 402/2015*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Stephen Borg u Antonella Vella u ċioè -

B'diversi atti magħmulin minnhom, anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Matul il-lejl ta' bejn il-25 u s-26 t'Awwissu, 2013, ikkommettew serq ta' għodda, aċċessorji ta' vetturi u dgħajjes u/jew oġġetti oħra minn ġewwa garaxx numru 11 sitwat ġewwa Borg Drive Inn, Triq Ganu, Birkirkara, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Mario Borg u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet oħra;

2. fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €23.29 għad-dannu ta' Mario Borg u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet oħra;

3. Nhar l-01 ta' Marzu, 2013, ikkommettew serq ta' numru ta' siġġiejiet tal-injam u/jew oġġetti oħra minn gewwa garaxx sitwat gewwa Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2,329.37 ghad-detriment ta' Lina Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

4. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Lina Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u / jew entitajiet ohra;

5. Nhar il-25 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' *emergency light* u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx li jinsab fi Triq Bertu Hyzler, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Mario Brincat u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

6. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Mario Brincat u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

7. Nhar il-25 t'April, 2015, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa garaxx bin-numru 8 u iehor bin-numru 9, sitwati fl-istess *basement* garaxxijiet, fi Triq Bertu Hyzler, Hal Qormi, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

8. Nhar it-28 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' ghodda u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx li jinsab gewwa *basement* garaxxijiet b'entratura fi Triq ic-Cawsli u ohra fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 ghad-detriment ta' Kevin

Azzopardi, Francis Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

9. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix € 23.29 ghad-dannu ta' Kevin Azzopardi, Francis Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

10. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' ghodda, *appliances* u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx bin-numru 17 li jinsab gewwa *basement* garaxxijiet fi Triq ic-Cawsli, Hal Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2,329.37 ghad-detriment ta' Gareth Mercieca u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

11. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Gareth Mercieca u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

12. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' zraben u/jew oggetti ohra minn gewwa *basement* garaxxijiet li jinsab taht blokka appartament bl-isem Spring Vale, Triq il-Parilja, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Doreen Vella u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

13. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' Doreen Vella u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

14. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' kumpressur u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx sitwat that blokka t'appartamenti Daffodil Court, Blk B, Triq San Gorg, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u / jew entitajiet ohra;

15. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' ghad-detriment ta' Karen Azzopardi u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

16. Nhar id-29 t'April, 2015, ikkommettew serq ta' fannijiet u/jew oggetti ohra minn gewwa garaxx iehor sitwat fl-istess *basement* garaxxijiet, Triq San Gorg, Santa Venera liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2,329.37 ghad-detriment ta' Elton Abela u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;

17. fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu ta' ghad-detriment ta' Elton Abela u/jew ta' xi persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet ohra;
18. Nhar id-29 t'April, 2015, bil-hsieb li jaghmlul delitt ta' serq minn gewwa garaxx iehor sitwat fl-istess *basement* garaxxijiet, Triq San Gorg, Santa Venera, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

19. U aktar talli xjentement laqghu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indaħħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;

Lil **Antonella Vella** wahedha nakkuzawha wkoll talli:

20. Wettqet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C Stafrace Zammit LL.D. fit-8 ta' Lulju, 2013;

21. Wetqet reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. fit-8 ta' Mejju, 2013;

22. U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri fil-25 ta' Marzu, 2013;

23. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju, 2013, u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qrati;

24. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju, 2014, u dan taht depozitu ta' € 1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Lil **Stephen Borg** wahdu nakkuzawh ukoll talli:

25. ikkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar l-04 ta' Marzu, 2015;

26. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-07 ta' Lulju, 2009, u dan taht depozitu ta' € 3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

27. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju, 2013, u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

28. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D fl-14 ta' Mejju, 2014, u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

29. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. fil-25 ta' Settembru, 2014, u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €7,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' **Stephen Borg u Antonella Vella** bhala recidivi ta' sentenzi moghtija lilhom mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura tal-ghamla **Seat** bin-numru ta' registrazzjoni **DBP063** u kif ukoll l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom **Stephen Borg u Antonella Vella** inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputati kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[1] Fol.551-552

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi gew esebiti diversi **Current Incident Reports** rigward: Serqa minn Triq il-Parilja, Santa Venera, nhar id-29 t'April, 2015[2]; Serqa minn Triq San Gorg, Santa Venera, nhar id-29 t'April, 2015[3]; Serqa minn Triq Ic-Cawsli, Hal-Qormi, nhar id-29 t'April, 2015[4]; Serqa minn Triq Ic-Cawsli, Hal-Qormi, nhar it-28 t'April, 2015[5]; Serqa minn Triq Bertu Hyzler, Qormi, nhar il-25 t'April, 2015[6]; Serqa minn Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera, nhar l-1 ta' Marzu, 2013[7]; Serqa minn Triq Ganu, Birkirkara, bejn il-25 u is-26 ta' Awissu, 2013[8].

Illi **PC302 Brian Alken** esebixxa faxxikoli fotografici tal-postijiet gewwa Triq San Gorg, Santa Venera[9] u Triq ic-Cawsli Qormi[10] li sfaw derubati.

Illi giet esebita **stqarrija**[11] tal-imputat **Stephen Borg** fejn mill-ewwel ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet li sehhew minn Triq ic-Cawsli Qormi, u zewg serqiet ohra fi Triq San Gorg, Santa Venera. Borg qal li l-jumejn qabel ma gie interrogat (u ghalhekk fit-28/04/15) hu kien fil-kumpanija ta' AntonellaVella, kienu marru Santa Venera, dahhlu mill-kommun ta' kumpless ta' garaxxijiet sgassa garaxx minnhom u seraq zewg fannijiet (akkuzi nru. 16 u 17) Garaxx iehor li sgassa kien dak minn fejn seraq kompressur u harness taz-zwiemel (akkuzi nru 14 u 15).[12] Ametta ukoll li *"Missejtu"* fir-rigward ta' bieb ta' garaxx iehor fil-

---

2 **Dok. JG4** a fol.23 et seq.
3 **Dok. JG5** a fol.26 et seq.
4 **Dok. JG6** a fol.30 et seq.
5 **Dok. JG7** a fol.33 et seq.
6 **Dok. JG8** a fol.39 et seq.
7 **Dok. JG9** a fol.42 et seq.
8 **Dok. JG10** a fol.44 et seq. Vide konferma tar-rapport minn **PS950 Alan Buhagiar**, xhieda a fol.343 et seq.
9 Fol.426 et seq. Rapport a fol. 429
10 Rapport a fol.437
11 Fol.49-50
12 Fol.49-50

kumpless ta' garaxxijiet f'Santa Venera.[13] Ghalhekk l-akkuzi 14 sa 18 kollha gew ammessi minnu![14]

Illi fil-kors tal-istqarrija Stephen Borg ikompli jiddeskrivi kif dakinhar stess – u ghalhekk kif gie ddeterminat nhar id-29 t'April, 2015 - kien ghaddej min Hal-Qormi dahal f'kumpless iehor, sgassa l-garaxx sitwat l-iktar il-gewwa u minn go fih seraq *seat washer, power wash* u *ECU* li lkoll instabu fil-vettura tieghu. Cahad li seraq xi oggetti ohra mill-istess post. Dan hu reat li jirreferu ghalih l-akkuzi nru. 10 u 11 u li dwarhom Borg jerga` jammetti l-involviment kemm tieghu kif ukoll jimplika lil Antonella Vella.[15]

Mistoqsi dwar serqa ta' 4 pari zraben li sehhet minn go basement fi Triq il-Parilja, Santa Venera, l-akkuzi nru 12 u 13, [16] Borg jghid li kien sab iz-zraben barra u li ma sarx sgass. Jghid ukoll li l-portmoni li nsteraq kien id-dar ghand Antonella Vella.[17] Jinghad mill-ewwel li Antonella Vella tikkontradici dak li jghid Borg meta tistqarr li fil-25 t'April, 2015, kien Borg li sgassa il-bieb tal-garaxx u hareg biz-zraben u basket.[18] Ghalkemm fl-istqarrija l-ufficjal investigattiv jindikalu d-data tal-25 t'April, 2015, bhala d-data tas-serqa, il-Current Incident Report jindika kjarament li r-

---

[13] Fol.50

[14] Jigi osservat mill-ewwel li ghalkemm Borg jammetti li wettqu dawn is-serqiet hu jsemmi li dawn sehhew fit-28 t'April, 2015, peress li fil-jum tat-30 t'April, dakinhar tal-istqarrija jirreferi ghal *"l-bierah t'lura"*"[14] Il-Current Incident report relattiv, **Dok. JG5**, izda jindika li s-serqa saret nhar id-29 t'April, 2015 u mhux kif jghid Borg. Fil-fatt gara tad-derubata tal-garaxx, **Karen Azzopardi**, minn fejn insterqu l-harness u l-kompressur kienet semmiet li semghet hsejjes f'xi 2:15 pm tad-29 t'April, 2015.[14] Id-derubat **Elton Abela**, li ttiehdulu l-fannijiet kif ukoll oggetti ohra li b'kollox jammontaw ghal €350, ukoll indika d-data bhala dik tad-29 t'April, 2015. Anke l-istess imputat isemmi li *"Dan kien xi nofs inhar"*[14] Ghalhekk jirrizulta li l-akkuzi nru. 14-19 kif migjuba, u li jammetti mal-interrogatur fuqhom, jirreferu ghad-data korretta. Anke fl-istess report kien gie indikat il-hin tad-29.04.15 ghal xi 2:15pm meta nstemghu l-hsejjes! Jirrizulta anke mix-xhieda tal-Ispettur Vella[14] li Borg ammetta dwar is-serqa tat-28 t'April, 2015 peress li nstabet ir-*res furtiva* fil-vettura tieghu, izda dakinhar is-serqa kienet minn Hal-Qormi u mhux minn Santa Venera (l-akkuza nru. 8 u 9).

[15] Fol.50

[16] Ibid

[17] Fol.50

[18] Fol.66

reat sehh fid-29 t'April, 2015[19] u anke d-derubati Vella jikkonfermaw li s-serqa sehhet fid-29 t'April, 2015 kif indikat fl-akkuzi relattivi.[20]

Illi Borg ma jammettix ghal serqiet ohra ghalkemm mistoqsi jekk hux tal-vizzju li jaqbad jidhol u jisraq dak kollu li jsib ghall-idejh, iwiegeb *"veru"*. Ikompli jammetti li hu u Vella kienu involuti f'serqa ta' siggijiet u *emergency lights* liema serqa sehhet fl-1 ta' Marzu, 2013, minn Triq Pietru Dacoutrous, Santa Venera, Akkuza nru. 3 u 4.[21] Meta jerga jigi interrogat nhar l-1 ta' Mejju, 2015, jghid dan dwar is-serqiet li ammetta dwarhom **lkoll saru flimkien ma Antonella Vella *"... u daqs kemm ghamilt jien ghamlet hi voldieri"*.**[22] Mistoqsi dwar serqa minn Triq ic-Cawsli, Qormi, (akkuzi nri 8 u 9) minn fejn gew misruqa nail gun, vacuum cleaners u magna li taqta' l-hadid jichad[23] li kien involut f'din is-serqa, **cahda li tigi kontradetta minn Antonella Vella meta tistqarr li rat dawn l-oggetti jittiehdu minn Borg mal-Pulizija!**[24] Fi stqarrija ohra mehuda fl-1 ta' Mejju, 2015, jghid *"F'dak il-garage ta' Santa Venera minn fejn hadna l-kompressur u l-harness, tlieta ftaht garaxxijiet imma minn wiehed ma hadna xejn".*[25]

Illi ittiehdu diversi stqarrijiet ta' **Antonella Vella**.[26] F'dik mehuda nhar it-18 t'April, 2015, fost mistoqsijiet dwar serqiet diversi, l-imputata giet mistqosija kif l-impronti digitali taghha instabu fuq bieb ta' garaxx sgassat bejn il-25 u s-26 t'Awissu, 2013, li jinsab fi Triq Ganu, Birkirkara (akkuzi nru. 1 u 2) fejn wiegbet *"Ma nafx jien. Bellahtni u nixxiftni"* u cahdet l-involviment taghha.[27] Dwar diversi serqiet ohra l-imputata baqghet siekta.

Illi stqarrija ohra kienet dik mehuda fit-30 t'April, 2015, fejn il-mistoqsijiet kkoncernaw is-serqiet mwettqa fid-29 t'April, 2015 minn Triq ic-Cawsli, Qormi ( zewg serqiet), Triq San Gorg Santa Venera (zewg

---

[19] **Dok. JG4** fol. 23
[20] Fol.300-303
[21] Fol.51
[22] Fol.53
[23] Fol.51
[24] Fol.65
[25] Fol.52
[26] **Dok. JG15-JG18** a fol.58 et seq.
[27] Fol.59

serqiet ohra) u zewg serqiet mwettqa fi Triq il-Parilja, u ohra fl-20 t'April, 2015.

Dwar dik li sehhet fi Triq ic-Cawsli Qormi stqarret li hi baqghet fil-karozza, two-door, u kien biss Borg li ghabba fiha *"Hoover, power wash, u kaxxa ghodda, dawk rajt"*.[28] Izid li *"Rajthom ehe"*[29] fir-rigward ta' oggetti li wkoll ttiehdu minn garaxx iehor fl-istess post zewg hoovers ohra, chaser, magna li taqta' l-hadid u nail gun. Ghalhekk **Vella tammetti l-involviment taghhom it-tnejn fiz-zewg serqiet li sehhew fit-28 u fid-29 t'April, 2015 minn Triq ic-Cawsli, Qormi** (akkuzi 8 sa 11).[30] Vella tkompli tammetti li kienu zewg garaxxijiet li sfaw sgassati minnhom, u li dawn kienu fl-istess akkwata.Tammetti ukoll l-involviment taghhom fis-serqiet ta' Triq San Gorg, Santa Venera, minn fejn insterqu fannijiet kumpressur u harness, kif ukoll li ppruvaw jifthu garaxx iehor fl-istess post izda ma rnexxilhomx; akkuzi 14 sa 19.[31]

Illi Antonella Vella imbghad tikkontradici dak li kien stqarr Borg meta dwar iz-zraben li nsterqu minn Triq il-Parilja, kien qal li sabhom barra billi tghid li kien Borg li ***"fetah il-garage, dahal wahdu u hareg biz-zraben bla kaxxi, zraben biss. Kien hemm basket zghir ukoll, griz, qieghed id-dar"***.[32] Din id-dikjarazzjoni tirrigwarda l-akkuzi nru 12 u 13.

Illi l-**Ispettur James Grech** spjega l-isfond dwar x'wassal biex jigu akkuzati l-imputati odjerni. Wara serqa li sehhet fid-29 t'April, 2015, fi Triq San Gorg f'Santa Venera, il-pulizija rrizultalha li kien hemm persuna li wara li semghet hsejjes minn basement ta' garaxxijiet fejn id-dawl kien mitfi ittawlet u rat vettura Seat Ibiza sewda numru DBP063 li rrizulta li l-vettura kienet tal-imputat Borg. Malli Borg gie infurmat li kien qed jigi arrestat qallu ***"fuq is-serqa ta' Hal Qormi? L-unika wahda li ghamilt."***. Dan sar ghaliex fil-vettura tieghu kellu xi ***res furtiva*** **li rrizulta kienu relattati mal-imputazzjonijiet 10 u 11, dik minn Triq ic-Cawsli, Qormi, fid-29 t'April, 2015:** *"Filfatt fil-karozza kellu car seat washer hamra, u kkonfermali li kien ittiehed minn go dak il-garaxx kif ukoll ECU ta'*

[28] Fol.65
[29] Ibid
[30] Fol.65
[31] Fol.65
[32] Fol.66

*karozza."*[33] Kompla jispjega kif rigward is-serqa li sehhet bejn il-25 u s-26 t'Awissu, 2013, minn Triq Ganu, Birkirkara, kienet instabet impronta digitali ta' Vella minn fuq il-bieb tal-garaxx li kien gie sgassat. Dakinhar tas-serqa kien instabu oggetti li kienu nsterqu mill-Fgura, b'liema serqa giet akkzuata Vella. Minn tfittxija fi-residenza tal-imputati nstabet *emergency light* li kienet insterqet minn garaxx fi Triq Bertu Hyzler, Qormi fil-25 t'April, 2015.[34]

Grech ikompli: *"Fir-rigward tal-akkuza numru 8 mill-garaxx Triq ic-Cawsli ta' Kevin Azzopardi u Francis Azzopardi li ghadu kif xehed fuqha Francis Azzopardi, Antonella Vella fl-istqarrija taghha tghidilna li iva l-lejl ta' qabel id-29 t'April 2015 flimkien ma' Stephen Borg marru go dan il-garaxx u l-affarijiet misruqin rathom fil-karozza taghhom DBP 063. Fir-rigward tal-akkuza numru 10 u 11 serq minn garaxx numru 17 Triq ic-Cawsli, Hal Qormi ghad-detriment ta' Garreth Mercieca dik illi kellu r-rifurtiva fil-karozza l-imputat u ammetta illi kien involut fiha biss. Fir-rigward tal-akkuza 12 fid-29 t'April 2015 gewwa basement ta' garaxxijiet taht blokka t'appartamenti Springfield, Triq il-Parilia Santa Venera a detriment ta' Doreen Vella nsterqu hames pari zraben li par minnhom instab gewwa r-residenza taghhom waqt is-search Sur Magistrat, filfatt gie kkonfermat ukoll mill-vittma ghax kien baqalha wahda minn par u kkonfermajna li huma l-istess. Fir-rigward tal-akkuza 14 u 15 fid-29 t'April 2015 minn garaxx Triq San Gorg, Santa Venera ammess ukoll mill-imputati fl-istqarrija taghhom Sur Magistrat fl-istess basement garaxxijiet kien hemm garaxx iehor sgassat a detriment ta' Elton Abela li minnu nsterqu xi fannijiet u xi affarijiet ohra zghar l-istess ammessa mill-imputati.*[35] Riprodott pprezenta ritratti bil-kulur ta' par zarbun li ttiehdu minnu stess.[36]

Illi l-**Ispettur Robert Vella** xehed kif wara rapport minghand certu Karen Azzopardi, il-pulizija rrizultalha li kien hemm diversi garaxxijiet fl-istess triq li gew sgassati. Kien sar maghruf li kienu ntlemhu ragel u mara suspettuzi li kienu qed jaghmlu uzu minn vettura bin-numru DBP063 li rrizultat tappartjeni lil Stephen Borg. L-ghada tas-serqa l-imputati gew arrestati u kien infurmat li wara tfittxija instabu diversi oggetti. L-investigazzjonijiet wasslu lill-pulizija sabiex jassocjaw lill-

33 Fol.83
34 Fol.84
35 Fol.85
36 Fol.270; **DOK. JG28 u JG29** a fol.298-299

imputati ma serqiet ohra fejn kien jintuza l-istess *modus operandi*. Borg ammetta serqa li saret fit-28 ta' April, 2015, u dan peress li kienu nstabu l-oggetti misruqa fil-vettura tieghu. Kaz iehor rrigwarda serqa ta' hames pari zraben li par minnhom instab fil-pussess tal-imputati.[37]

Illi **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP-063 hi Seat Ibiza sewda u kienet registrata sa mid-19 ta' Novembru, 2014, fuq Stephen Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 155778M,.[38]

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tevalwa l-provi li ngiebu rigward id-diversi serqiet attribwiti lill-imputati permezz tal-akkuzi addebitati lilhom:

**Serqa 25-26 t'Awissu, 2013: Triq Ganu, Birkirkara (l-ewwel u it-tieni imputazzjoni)**

Illi gie kkonfermat il-**Current Incident Report** rigward din is-serqa minn **PS 950 Alan Buhagiar**.[39]

Illi **Mario Borg** li ghamel rapport lill-pulizija wara li *"mort niftah il-garaxx u nsib il-katnazz mifqugh, nidhol u nsib mandra fil-garaxx. .... Sibt hafna affarijiet neqsin.... madwar tliet elef haduli, mutur tal-bahar, ghodda kollha, qasab, fish finder, li setghu haduli haduli. Sa bicca ...ta' ten Euros haduh ukoll. Harbtuli hajti dik li naf."*. Il-hsara li saret fil-katnazz kien ta' €5.[40] Jikkonferma l-valur kif indikat fil-Current Incident Report[41] fejn l-ammont ma jeccedix l-€2,000 u jikkonferma li qatt ma kienu marru l-garaxx tieghu.[42]

Illi **PS612 Theo Vella** u **PC910 Sean Pace** pprezentaw relazzjoni taghhom minn fejn jirrizulta li fuq il-post tas-serqa gew elevati xi impronti digitali fosthom wiehed fuq il-bieba tan-naha tax-xufier ta'

---

37 Fol.523-524
38 Fol.321 et seq.
39 Fol.343. Vide ukoll **Dok. JG10** a fol.44 et seq. Kopja ohra a fol.97-DOK JG23
40 Fol.93-94
41 **Dok. JG23** a fol.97 et seq.
42 Fol.95

vettura CAB609 ddokumentat 13 CJC 201, liema vettura kienet tinsab **gewwa l-garaxx**[43] u senjatament dak mmarkat 13 CJC 113.

Illi xehed l-espert **Joseph Mallia** li *"Ghamilt l-ezami komparattiv kif rikjest u rrizulta li l-**impronta li giet elevata f'dan il-kaz kienet taqbel mas-seba' l'kbir tal-id il-leminija ta' Antonella Vella**, pero jekk il-Qorti tippermettili nixtieq naghmel osservazzjoni zghira. Il-lifter meta ezaminajtu jidher li d-dokumentazzjoni li hemm fuq il-lifter tghid illi l-lifter elevat minn fuq vettura CBA 609 fuq il-hgiega tal-karozza tal-passiggier. Meta jien ezaminajt il-lifter u r-ritratti qabel ma bdejt naghmel il-komparazzjoni rrizulta mir-ritratti li hawn hawn li l-lifter ma nstabx hemm imma nstab fuq il-bieba tan-naha tax-xufier minn naha ta' barra kif jindika fuq ir-ritratti*[44]*...... Jien ezaminajt l-istess lifter ghax fuq il-post ma kontx mort. Rajt li dak il-lifter huwa l-istess li qed jirreferu ghalih pero jiena minn hawnhekk jirrizultali, u mir-ritratti li jidhru, li dak il-lifter ma giex misjub fuq il-hgiega tal-passiggier imma fuq il-bieba tan-naha tax-xufier minn naha ta' barra kif jindikaw ir-ritratti."*.[45] wara l-ezami komparattiv li sar bejn il-lifter u l-impronti tal-imputata *"Il-linji suwed juru erbatax (14) il-punt karatteristiku identiku u ko-ordinati flimkien.....It-tikek ta' lewn ahmar juru ghoxrin (20) punt aratteristiku identiku u ko-ordinati flimkien...."*.[46]

Illi ghandu ragun l-espert Mallia josserva dan peress li r-relazzjoni stess[47] tindika li l-impronta kienet fuq il-bieba u mhux fuq xi tieqa. Fil-fatt ir-ritratt **13 CJC 113** ma jhalli ebda dubbju dwar dan[48] u **PS910 Sean Pace** riprodott ikkonferma li l-impronta ittellghet minn fuq il-bieba tan-naha tax-xufier.[49] Madanakollu ghall-finijiet tal-kaz odjern jibqa' l-fatt li **l-vettura kienet maqfula gewwa l-garage fejn sehhet is-serqa**!

Issir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** tal-Qorti tal-Appell Kriminali:[50]

---

43 Vide ritratti fir-relazzjoni a fol. 108
44 Fol.484
45 Fol.485
46 Fol.494
47 A fol.108
48 Vide fol.499 u 500
49 Fol.534
50 Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App. Krim. Nru. 108/2006

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija." [51] ......

---

[51] Dik is-sentenza kienet kompliet:
**Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:** "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" **[7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta'** ***"matching points"*** **jew** ***"points of comparison"*** **li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-*****"point of comparison"*** .BLACKSTONES **- "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk:-**
**"Properly presented** ***fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,*** **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561, in which the Court of Appeal upheld a robberyconviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said:**
***"Finger print evidence, like any other evidence, is admissible ..... if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**...**Illi l**-ARCHBOLD** “Criminal Pleading , Evidence and Practice” (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-
“”A person may be identified by fingerprints alone” : **R. v Castleton** , 3 Cr. App. R 74 CCA”.

Kif anke ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha I**l-Pulizija vs Kenneth Ellul** meta din il-Qorti qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:[52]

F’dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol[53].** F’din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenzja fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[54]** fejn inghad:

*“L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.”****(Il-Pulizija vs Noel Frendo*** *deciza 30 ta’ Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)”.*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*“Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f’dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta’l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita’ ta’l-imputat.”*

Illi minn fuq ix-xena tad-delitt u senjatament minn fuq dghajsa li kienet fil-garaxx derubat kienu elevati wkoll kampjuni ta ticpis ta' lewn hamrani – **13 CJC 301** u 13 CJC 302.[55]

Illi **Dr Marisa Cassar** ghamlet ezami komparattiv bejn dan il-kampjun u kampjun orali tal-imputat Borg u nstab li l-kampjun **13 CJC 301** kien

---

**Fil-fatt It-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan ilkaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta'** ***"14 points of comparison"*** **li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.**

[52] Deciza 9 ta' Mejju, 2016, per Onor. Magistrat Dr Josette Demicoli

[53] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju, 2013

[54] Deciza 7 ta' Marzu, 2002, mill-Qorti tal-Appell Kriminali

[55] Fol.106

pozittiv ghall-presenza ta' demm u ***"Mill-kampjun 13CJC301 hareg profil genetiku ta' ragel li jaqbel mal-profil genetiku ta' Stephen Borg"***.[56]

**Serqa 1 ta' Marzu, 2013: Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera (it-tielet u r-raba imputazzjoni)**

Illi **Lina Azzopardi** xehdet kif kienet ghamlet rapport mal-pulizija wara li sabet li fil-garaxx taghha *"Sgassaw is-sallatura qalghu z-zokra tas-sallatura tal-garaxx u hadu sitt siggijiet minn dawk li jinghalqu tal-injam u tnejn emergency lights LED."*.[57] Riprodotta pprezentat quotations li b'kollox jammontaw ghal €154.[58]

Illi **PS198 Arthur Debattista** pprezenta faxxikolu ritratti mehuda fuq garaxx fi Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera. Saru tfittxija ghall-impronti digitali li rrizultaw fin-negattiv.[59] Gie esebit il-**Current Incident Report** relattiv ghas-serqa li sar minn **PS561 David Portelli**, ghan-nom ta' PC626.[60]

Illi xehed **Rueben Briffa** li spjega kif xi erba snin ilu kellu l-van Toyota ipparkjat u dan insteraq. Fost affarijiet li ttiehdu minn go fih kien hemm log book.[61]

Illi **PC115 Melvin Calleja**[62] xehed kif fl-1 ta' Marzu, 2013, certu Reuben Briffa kien ghamel rapport li waqt li kellu l-vann pparkjat fi Triq Mahatma Ghandi, Fgura kienu nsterqulu xi preservijiet, stereo, insurances u dokumenti ohra. L-insurance kienet tal-Van tieghu Toyota numru ta' registrazzjoni ABS682.[63]

Illi **PC626 Giancarlo Benetti** xehed kif kien fl-ghassa ta' Santa Venera u gie mghoddi basket li kien fih numru ta' dokumenti li susegwenetment gew mghoddija lil Forensic Unit.[64]

---

[56] Fol.544195
[57] Fol.346
[58] Fol.398-399
[59] Fol.273. Rapport **Dok. AD** a fol. 275 et seq
[60] Fol.282 et seq. CIR **Dok.DP** a fol.284 et seq.
[61] Fol.514
[62] Korrezzjoni a fol. 553
[63] Fol.287-288**. CIR** a fol.290 et seq.
[64] Fol.316

Illi **Stephen Borg jammetti li hu u Vella kienu involuti f'serqa** ta' siggijiet u *emergency lights*.[65]

**<u>Serqa il-25 t'April, 2015: Triq Bertu Hyzler, Qormi (il-hames u s-sitt imputazzjoni – derubat Mario Brincat)</u>**

Illi **Mario Brincat** xehed kif fil-25 t'April, 2015, mar biex idahhal il-vettura fil-garaxx, fil-fond nru. 28 Triq Bertu Hyzler, Qormi, u sabu sgassat. Kienet naqset lampa *"Kien car illi s-sallatura kienet sgassata, ...... Jiena kont hrigt mill-garaxx xi s-saghtejn u kwart u gejt lura ghal xi it-tlieta u kwart, t-tlieta u nofs jigifieri kollox gara f'dak l-ispazju ta' hin."*[66] Iddeskriva l-lampa bhala LED, tawwalija madwar xi pied li kienet tiswa €25, u kien irrizulta li **l-pulizija kienet sabet lampa identika.** Jixhed li ma kienx jaf lill-imputati.[67] Jiddeskrivi li l-isgass kien sar billi *"taw daqqa lis-sallatura biex ic-cirku tal-metall inkiser, infatti gbartu mghawweg mill-art, imbaghad b'xi mod ikunu hargu c-cilindru li meta mort niftah il-garaxx kien loose fis-sallatura."*.[68]

Illi **PC954 James Mangion** xehed kif wara li d-derubat rraporta li sab il-garaxx sgassat, mar fuq il-post ma PS772 fejn gie osservat li *"c-cilindru tas-serratura kienet maqlugha minn postha.... u kull ma sab nieqes kienet lampa bejn wiehed u iehor tammonta ghal 25 Euro LED.*[69]

Interessanti dak li kkonstata il-kuntistabbli Mangion tenut kont li jidher li kien hemm l-istess *modus operandi: "kif ser jirrizulta hemmhekk innutajna li kellu c-cilindru tas-serratura kienet maqlugha minn postha u b'xi mod dahlulu gewwa nsomma lil dan imma <u>l-bieb tal-garaxx kien maghluq</u>."*[70] Karen Chircop nee` Azzopardi iktar il-quddiem tghid *"Fuq il-post sibt il-garaxx jigifieri <u>l-bieb kien maghluq</u> imma c-cilindru maqlugh u bhala affarijiet."*.[71]

---

[65] Fol.51
[66] Fol.109
[67] Fol.110
[68] Ibid.
[69] Fol.146-147
[70] Fol.146
[71] Fol.267

Illi **minn tfittxija fi-residenza tal-imputati nstab emergency light li kienet insterqet minn garaxx fi Triq Bertu Hyzler, Qormi, fil-25 t'April, 2015**.[72]

<u>**Tentattiv ta' Serqa il-25 t'April, 2015: Triq Bertu Hyzler, Qormi (is-seba imputazzjoni**</u>

Illi **PS772 Dennis Agius** xehed kif Mario Raymond Brincat rraporta li hekk kif kien mar idahhal il-vettura fil-garaxx, sab il-garaxx sgassat. Kien sab emergency light nieqes li jiswa xi €25. Ghamlu iktar tfittxijiet fil-kumpless ta' garaxxijiet u nstab li *"kien hemm numru ta' garaxxijiet ohra li kienu miftuhin, kellhom ic-cappetta tan-nofs maqlugha l'barra pero rrizulta li ma kien hemm xejn iktar neqsin. Bdejna nfittxu biex naraw fejn hemm CCTVs biex inkunu nistghu nigbruhom ghal iktar evidenza l'quddiem. Dak il-hin inzerta sibna li kien hemm persuna ohra li kien hemm basement iehor u kien hemm irrizultalna li kien hemm erba' garaxxijiet ohra miftuhin izda minn dawn ma kien hemm xejn nieqes."*.[73]

Illi wara li **PC954 Mangion** kien mar fil-garaxx tad-derubat Brincat *"Imbaghad ghamilna spezzjoni fl-istess basement tal-garaxxijiet fejn fuq garaxx [recte 8 u 9] instabu bhal daqqiet mas-sallatura pero ma dahlux gewwa. Imbaghad jien u s-Surgent hrigna barra u nnutajna li faccata kien hemm basement ta' garages iehor u kien hemm tliet garaxxijiet ohra sgassati. Pero minn dawn it-tliet garaxxijiet ohrajn ma kien hemm xejn nieqes ghax kull ma kien hemm fil-garaxx karozzi biss jigifieri ma kien hemm xejn nieqes...... mas-sallaturi kien hemm id-daqqiet u kienu maqlughin, ic-cilindru tas-sallatura kienu maqlughin, ghax meta taqla c-cilindru barra mbaghad tista tidhol b'turnavit tidhol easy."*[74]

Mhemmx dubbju li l-<u>*modus operandi* identiku</u> fl-istess sit fejn gie sgassat u nsteraq il-fond ta' Brincat, hu prova cirkostanzjali li twassal ghall-sejbien ta' htija tal-imputati.

[72] Fol.84
[73] Fol.311-312
[74] Fol.146-147

**Serqa it-28 t'April, 2015: Triq ic-Cawsli/Triq l-Imdina, Qormi (it-tmien u d-disa imputazzjoni – derubati Kevin u Francis Azzopardi)**

Illi l-**Ispettur Roderick Agius** xehed kif kien infurmat b'serqa fejn l-oggetti nieqsin kienu xi power tools, vacuum cleaners u ghodda ohra li jammontaw ghal €2,900. Dwar din is-serqa saret inkjesta magisterjali u peress li kien hemm cctv camera fil-vicin l-espert tal-Qorti kien analizza l-*footage*.[75]

Illi **Kurt Mahoney** pprezenta r-rapport tieghu minn fejn jirrizulta li vettura sewda dehret diehla fil-kumpless mill-entratura fi Triq l-Imdina u harget mill-hrug fi Triq ic-Cawsli f'temp ta' hames minuti.[76]

Illi **PS362 Wayne Borg** xehed kif Kevin Azzopardi rraporta li sab il-garaxx tieghu fi Triq il-Kus, Qormi miftuh wara li giet sgassata s-sellatura. Sab diversi ghodda nieqsa fl-ammont ta' €2,900. Dan jigi kkonfermat ukoll min **PC1215 Ryan Vella** fix-xhieda tieghu.[77]

Il-Current Incident Report[78] li ssir riferenza ghalih[79] minn dawn iz-zewg ufficjali kif ukoll l-atti kollha tal-inkjesta ghajr ghal dik ta' Dr Sladden kif ukoll Kevin Azzopardi, li jsemmi li l-garaxx kien *"lejn"* Triq il-Kus,[80] jirreferu ghal Triq ic-Cawsli kif korrettament indikat fl-akkuza. Fil-fatt Triq il-Kus twassal ghal Triq ic-Cawsli li minn naha taghha tizboq lejn Triq l-Imdina, Qormi. Dan gie ukoll ikkonfermat mill-Ispettur Grech meta jispjega *"ikkonfermajt illi l-garaxx ghandu entratura fi Triq ic-Cawsli u ohra fi Triq l-Imdina. Filfatt nista nikkonferma li minhabba li x-xhud semma Triq il-Kus, Triq il-Kus tigi faccata tal-entratura, l-entratura qeghda fi Triq ic-Cawsli u tinfed ukoll minn Triq l-Imdina Hal Qormi."*.[81]

Illi **PS239 Joseph Caruana** u **PC813 Clinton Vella** pprezentaw r-rapport taghhom minn fejn jirrizulta li fuq in-naha ta' gewwa tal-garaxx kien hemm *shoe print* li kienet estraneja ghaz-zraben tal-persuni li kienu juzaw

---

[75] **Proces Verbal Nru. 369/2015**

[76] Pagni 34-36 tar-relazzjoni **Dok. KM**, a fol.226-228

[77] Fol.241 -242

[78] **Dok. RV** a fol.243 et seq.

[79] Vide fol. 239 xhieda ta **PS362** u fol.242 xhieda **PC1215.**

[80] Fol.537

[81] Fol.539

il-garaxx. Ghalhekk sar *casting* taghha ddokumentata bhala DOK 15 AWT 201.[82]

Illi **Dr Richard Sladden** pprezenta r-rapport tieghu minn fejn jirrizulta li l-valur tal-oggetti misruqa kien dak ta €3,100.[83] Bhala hsarat sofferti sabiex tissewwa s-sellatura sgassata gie stmat l-ammont ta' €15.[84]

Illi xehed **Francis Azzopardi** li spjega li kien sab il-garaxx fejn kien izzomm l-ghodda tax-xoghol tieghu li kien xoghol fl-injam, miftuh u *"il-lock kien mfaqqa'"*.[85] Oggetti li sab nieqsin kienu zewg industrial hoovers, chasers, laser, nail gun u magna li taqta' l-hadid li b'kollox kienu jammontaw ghal €3,500. Gharraf lill-imputat ghax kien jafu minn snin ilu izda kien ilu ma jarah zmien u qatt ma kien dahal fil-garaxx.[86] Riprodott jghid li l-garaxx ghandu access minn zewg toroq. Kien instab sgassat minn huh u missieru li kienu wasslu fuq il-post qablu. Bhala oggetti li naqqsu kien hemm *"Zewg hoovers, laser, u magna li taqta l-hadid.....xi €3500."* Ma gharaf lil hadd fl-awla bhala nies li kien jafhom jew li kienu dahhlu fil-garaxx tieghu.[87]

Illi fl-istqarrija taghha **Vella tghid li rat l-oggetti misruqa minn dan il-garaxx fil-vettura ta' Borg** u cioe` <u>zewg hoovers, chaser, magna li taqta' l-hadid u nail gun *"Rajtom ehe"*</u>.[88]

Illi **Kevin Azzopardi** xehed kif fit-28 t'April, 2015 il-garxx gie sgassat u nsterqu *"hoover, chaser, laser, hilti guns, ghodda hux."*[89]

## <u>Serqa id-29 t'April, 2015: Triq ic-Cawsli, Qormi (l-ghaxar u l-hdax l-imputazzjoni – Gareth Mercieca)</u>

Illi l-**Ispettur James Grech** kien xehed li fil-vettura ta' Borg instabu ***"car seat washer hamra, u kkonfermali li kien ittiehed minn go dak il-garaxx***

---

82 Fol.253
83 Fol.383
84 Fol.386
85 Fol.77
86 Fol.80-81
87 Fol.263-265
88 Fol.65
89 Fol.537

***kif ukoll ECU ta' karozza."***[90] Kien ghalhekk li malli gie arrestat Borg ammetta biss ghal din is-serqa, ben konxxju li **r-*res furtiva* kienet ghadda fil-vettura tieghu.**

Illi **Gareth Mercieca** spjega li kien rraporta mal-pulizija li sab il-garaxx tieghu miftuh u xi oggetti minn go fih nieqsin *"Power washer, kaxxi tal-ghodda diversi, fosthom generator, u ghodda loose, u battrey charger u impact drill."*. Muri ritratti JGZ, JGZ1, gharraf il-garaxx tieghu filwaqt li JGZ2 u JGZ3 kienu tal-ECU u hoover li nsterqulu izda li nstabu mill-Pulizija.[91]

Illi **PS1482 Bjorn Schembri** xehed kif certu Gareth Mercieca rraporta li sab sgass fil-garaxx tieghu. Mar fuq il-post u sab li bhala sgass *"kien mnehhi c-cilindru"*. Mercieca sab xi impronti mal-vettura li kien qal li ma kienux tieghu peress li hu ma kienx juza l-vettura.[92] Ezatt mal-entratura tal-garaxx kien hemm cctv u din giet analizata ghall-*footage*.[93]

Illi fl-istqarrija taghha Vella tghid li rat l-oggetti misruqa minn dan il-garaxx fil-vettura ta' Borg: *"Hoover, power wash, u kaxxa ghodda, dawk rajt"*.[94]

Illi l-imputat **Borg fl-istqarrija tieghu ukoll jametti l-involviment tieghu f'din is-serqa**.[95]

**Serqa id-29 t'April, 2015: Triq il-Parilja, Santa Venera (it-tnax u t-tlettax l-imputazzjoni)**

Illi **PS163 Robert Azzopardi** pprezenta il-Current Incident Report rigward is-serqa.[96] Dan gie kkonfermat ukoll minn PS1529 Malcolm Briffa.[97]

Illi **Michael Angelus Vella** li jigi missier Doreen Vella sid il-garaxx misruq spjega kif fid-29 ta' April, 2015: *"mort hadt sellum fil-garaxx taghha*

[90] Fol.83
[91] Fol.314
[92] Fol.148
[93] Fol.149
[94] Fol.65
[95] Fol.50
[96] Fol.325 et seq. Rapport **Dok. RA** a fol.328
[97] Fol.336

*u sibt l'dik fejn tidhol ic-cavetta nieqsa u ssuspettajt li xi hadd dahal jien insomma. Ghollejt is-shutter sakemm dahhalt is-sellum u nara xi zraben ma' l-art. Mohhi taghni li xi hadd dahal u hadilha xi haga.".* Peress li l-garaxx kien jintuza bhala store malli ra z-zraben mal-art induna li kien gara xi haga mhux tas-soltu.[98]

Illi **Doreen Vella** xehdet kif missierha kien infurmaha b'dak li sab *"Kif wasalt urieni li s-shutter ic-cylinder tas-shutter kien maqlugh il'barra ma kienx hemm fejn tista' ddawwar ic-cavetta,..... dhalt gewwa gol-garaxx u nsib xi zraben mifruxin ma' l-art ghax jiena gieli nhalli ftit xoghol hafif tal-hanut hemmhekk. Lil pulizija dak il-hin ghidtilom li kelli xi hames pari zraben, mhux zraben, slippers, <u>running shoes neqsin</u>, il'bqija ma kien hemm xejn iktar nieqes."* Stmat li kienu jiswew xi €15 il-par. Eskludiet li xi hadd prezenti fl-awla kien qatt dahal fil-garaxx imsemmi.[99]

**Fir-residenza tal-imputati instab par zarbun li gie kkonfermat mid-derubat li kien jaqbel mal-kumplament taz-zraben misruqa**.[100]

Illi Antonella Vella tghid li kien Borg li ***"fetah il-garage, dahal wahdu u hareg biz-zraben bla kaxxi, zraben biss. Kien hemm basket zghir ukoll, griz, qieghed id-dar"***.[101]

Illi l-imputat Borg ukoll ammetta fl-istqarrija li <u>kien fil-fond in kwistjoni</u> izda jsostni li z-zraben kienu thallew barra l-garage.[102]

**<u>Serqa id-29 t'April, 2015: Triq San Gorg, Santa Venera (l-erbatx u l-hmistax l-imputazzjoni – derubata Karen Azzopardi)</u>**

Illi **PS163 Robert Azzopardi** pprezenta il-Current Incident Report rigward is-serqa.[103]

Illi **Karen Chircop nee` Azzopardi** xehdet kif nhar id-29 t'April, 2015, wara nofsinhar irceviet telefonata minghand gara taghha li x'aktarx kienet sfat misruqa. *"Fuq il-post sibt il-garaxx jigifieri l-bieb kien maghluq*

---

98 Fol.300-301

99 Fol.302-303

100 Fol.85, Xhieda james Grech

101 Fol.66

102 Fol.50

103 Fol.325 et seq. Rapport **Dok. RA1** a fol.331

*imma c-cilindru maqlugh u bhala affarijiet."*[104] Kienu nsterqu harness ta' ziemel antika, kompressur u xi mingel.[105] Spjegat li garaxx vicin taghha u dak ta' Elton Abela.[106]

Illi Antonella Vella **tammetti ukoll l-involviment taghhom fis-serqiet ta' Triq San Gorg, Santa Venera** minn fejn insterqu fannijiet kumpressur u harness, *"Minn wiehed minnhom il-fannijiet biss.....Mill-garage l-iehor kumpressur u harness taz-zwiemel".*[107]

Illi Stephen Borg fl-stqarrija mehuda fl-1 ta' Mejju, 2015, jghid *"F'dak il-garage ta' Santa Venera minn* ***fejn hadna l-kompressur u l-harness, tlieta ftaht garaxxijiet imma minn wiehed ma hadna xejn****".*[108] Jghid ukoll *"l-ewwel ma sgassajt garaxx kien fih zewg fannijiet, mbghad kien hemm iehor b'teqa, itawwalt u rajt kompressur, sgassajt dak ukoll u hadt il-kompressur u harness taz-zwiemel"*[109]

**Serqa id-29 t'April, 2015: Triq San Gorg, Santa Venera (is-sittax u l-isbatax l-imputazzjoni – derubat Elton Abela)**

Illi **Elton Abela** xehed kif kien gar tieghu li nfurmah li kien safa' misruq "*Minn barra ma deher xejn pero kif dahhalt ic-cavetta c-cilindru hareg kollu."*.[110] Jghid li sab nieqsin zewg fannijiet, zewg rimmijiet ta' karozza u kaxxa bil-Christmas decorations. Ma gharraf lil hadd fl-awla li seta` qatt dahal il-garaxx tieghu.[111]

Illi Antonella Vella **tammetti li wettqu is-serqa *"Minn wiehed minnhom il-fannijiet biss....... Mill-garage l-iehor kumpressur u harness taz-zwiemel"*.**[112]

Illi Stephen **Borg jghid hekk *"l-ewwel ma sgassajt garaxx kien fih zewg fannijiet, ..."***[113]

---

[104] Fol.267
[105] Ibid.
[106] Fol.268
[107] Fol.65
[108] Fol.52
[109] Fol.49
[110] Fol.296
[111] Fol.297
[112] Fol.65

**Tentattiv ta' serqa id-29 t'April, 2015: Triq San Gorg, Santa Venera (it-tmintax l-imputazzjoni)**

Illi wara li Vella tammetti l-involviment taghhom fis-serqiet ta' Triq San Gorg, Santa Venera, izzid li **ppruvaw jifthu garaxx iehir fl-istess post izda ma rnexxilhomx,** *"Jien ma pruvajt niftah xejn imma iva, Stpehen prova jifthu"*[114]

Mhemmx dubbju li l-*modus operandi* identiku fl-istess sit fejn gie sgassat il-garaxxijiet ta' Abela u Azzopardi, hu prova cirkostanzjali li twassal ghall-sejbien ta' htija tal-imputati. Izda hu l-istess imputat Borg li fir-rigward ta' bieb ta' garaxx iehor fil-kumpless ta' garaxxijiet f'Santa Venera, **jametti li *"Missejtu"*.**[115]

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti tqis li jirrizultaw ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi l-ewwel sat-tmintax l-imputazzjoni.

**Ricettazzjoni (id-dsatax l-imputazzjoni)**

Illi din l-imputazzjoni nghata bhala imputazzjoni alternattiva ghall-imputazzjonijiet kollha l-ohra ta' serq li jirrizultaw sodisfacentement ppruvati. Ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**Reati Kommessi fil-Perjodu Operattiv ta' Sentenza Sospiza u Liberta` kondizzjonata: *Imputazzjoni numru 20 u 21 rispettivament (Re: Antonella Vella).***

Illi giet esebita sentenza moghtija mill- Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit datata it-8 ta' Lulju, 2013,[116] li fiha jirrizultaw il-konnotati tal-imputata. B'dik is-sentenza l-imputata nghatat sentenza ta' priggunerija ta' sena li kienet sospiza ghal sentejn. Gie pruvat li l-imputata wettqet reati fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza – l-imputazzjonijiet nru. 5

[113] Fol.49
[114] Fol.65
[115] Fol.50
[116] **Dok. JGZ6** a fol.359

sa 19 li qed tinstab htija dwarhom, u ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Illi giet esebita sentenza moghtija mill- Magistrat Dr Antonio Mizzi datata it-8 ta' Mejju, 2013[117] li fiha jirrizultaw il-konnotati tal-imputata. B'dik is-sentenza l-imputata giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena. Jirrizulta izda li l-imputata wettqet reati fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza – l-imputazzjonijiet nru. 1 u 2 li qed tinstab htija dwarhom - u ghalhekk din l-imputazzjoni giet pruvata ukoll.

Ghalhekk il-Qorti se titratta mal-imputata kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri Vella kienet giet akkuzata talli fil-21 ta' Frar, 2013, u fix-xhur precedenti gewwa l-Fgura u f'dawn il-Gzejjer, kienet fil-pussess illegittimu ta' xi dokument tal-votazzjoni jew ta' polza ta' votazzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputata ghal din l-imputazzjonijiet li taghha kienet instabet hatja.

**Ksur ta' kondizzjonijiet Ghall-Helsien mill-Arrest (*Re: Antonella Vella*) *Imputazzjonijiet numri* 22 -24**

Illi l-Ispettur Grech esebixxa diversi kopji ta' *Digriet u Kundizzjonijiet Ghall-Helsien mill-Arrest* ta' Antonella Vella.

Dawn kienu is-segwenti:

a) Digriet moghti mill-Magistrat Dr. Anthony Vella nhar l-**14 ta' Mejju, 2014,**[118] fi procediment li fih ghadu l-ufficjal prosekutur u kkonferma l-identita` tal-imputata (imputazzjoni n.24);[119]
b) Digrieti Ghall-Helsien mill-Arrest tal-imputata moghti mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fit-**28 ta' Mejju, 2013**[120] (imputazzjoni nru. 23, fejn l-identita` tal-imputata Vella hi konfermata mill-Ispettur Fleri[121]); u

[117] **Dok. JGZ7** a fol.361
[118] **Dok.JGZ**. a fol.351
[119] Fol.348, Xhieda Grech
[120] **Dok.JGZ1** a fol.352
[121] Fol.419.

c) Digriet moghti mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fil-**25 ta' Marzu, 2013**[122] (imputazzjoni n.22 fejn l-identita` taghha hi kkonfermata mill-Ispettur Jurgen Vella[123]) .

Rigward dan l-ahhar digriet, l-**Ispettur Jurgen Vella**[124] kkjarifika li kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fil-25 ta' Marzu, 2013, m'ghadhomx *in vigore*.

Dan ifisser li rigward l-imputazzjoni nru.22 ghalkemm qed tinstab htija fuq din l-imputazzjoni, u minkejja li l-konfiska hi tassativa, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ma jistax ghalhekk jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Ghalhekk mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputata kissret il-kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest permezz ta' digrieti u tat-28 ta' Mejju, 2013[125], tal-25 ta' Marzu, 2013[126] u tal-14 ta' Mejju, 2014.[127]

**Reati Kommessi fil-Perjodu Operattiv ta' Sentenza Sospiza** ***(Re: Stephen Borg) Imputazzjonijiet numru 25***

Illi giet esebita sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona datata l-4 ta' Marzu, 2015,[128] li fiha jirrizultaw il-konnotati tal-imputat. B'dik is-sentenza l-imputat nghata sentenza ta' prigunerija ta' sentejn li kienu sospizi ghal erba snin.

Gie pruvat li l-imputat wettaq reati fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza – l-imputazzjonijiet nru. 5 sa 19 li qed tinstab htija dwarhom, u ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**Ksur ta' kondizzjonijiet Ghall-Helsien mill-Arrest** ***(Re: Stephen Borg) Imputazzjonijiet numri 26-29***

---

[122] **Dok.JGZ2** a fol.353
[123] Fol.473.
[124] Fol.527-528
[125] **Dok.JGZ1** a fol.352
[126] **Dok.JGZ2** a fol.353
[127] **Dok.JGZ**. a fol.351
[128] **DOK.JG** fol.423

Illi gew prezentati diversi kopji ta' *Digriet u Kundizzjonijiet Ghall-Helsien mill-Arrest* fil-konfront tal-imputat Stephen Borg.

Dawn kienu is-segwenti:

a). Digriet moghti mill-Magistrat Dr. Anthony Vella nhar l-**14 ta' Mejju, 2014**,[129] fi procediment li fih l-Ispettur Grech ghadu l-ufficjal prosekutur u kkonferma l-identita` tal-imputat;[130]

b). Digriet moghti mill- Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fit-**28 ta' Mejju, 2013**,[131] fejn l-identita` tal-imputat giet kkonfermata ill-Ispettur Fabian Fleri;[132]

c). Digriet moghti mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar **il-25 ta' Settembru, 2014**,[133] fi procediment li fih l-Ispettur Grech ghadu l-ufficjal prosekutur u kkonferma l-identita` tal-imputat;[134]

d) Digriet moghti mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman nhar is-7 ta' Lulju, 2009.[135] Peress li ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputat u lanqas ma saret prova tal-identita` tieghu f'dawk il-proceduri ma tistax tinstab htija dwar dan il-ksur.

Ghalhekk mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest permezz ta' digrieti tal-14 ta' Mejju, 2014[136]; tat-28 ta' Mejju, 2013[137] u tal-25 ta' Settembru, 2014.[138]

**L-addebitu tar-Recidiva:**

***A. Re Stephen Borg***

---

[129] **Dok.JGZ3** a fol.354
[130] Fol.348-349, Xhieda Grech
[131] **Dok.JGZ4** a fol.355
[132] Fol. 420
[133] **Dok. JG** a fol.459-460
[134] Xhieda Gtech a fol. 457
[135] Fol. 483**, Dok. RV**
[136] **Dok.JGZ3** a fol.354
[137] **Dok.JGZ4** a fol.355
[138] **Dok. JG** a fol.459-460

Illi gew prezentati sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit datata **4 ta' Lulju, 2011**[139], u ohra mill-Magistrat Dr. Edwina Grima tal-**10 ta' Jannar, 2011**[140] li fihom l-konnotati tal-imputat.

***B. Re: Antonella Vella***

Illi gew prezentati sentenzi fil-konfront tal-imputata moghtija nhar it-**8 ta' Lulju, 2014**[141] u fit-**8 ta' Mejju, 2013**[142] li li fihom l-konnotati tal-imputata, ukoll gew esebiti.
Illi l-imputati instabu hatja li wettqu reati f' Awissu 2013 u fl-2015, meta s-sentenzi moghtija fil-konfront taghhom jirrisalu ghal 2011 u Lulju, 2013. Ghalhekk mhemmx dubbju li anke l-addebitu tar-recidiva fil-konfront tal-imputati gie soddisfacentement ppruvat.

Illi in rigward tal-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja u repettitiva tar-reati mwettqa mill-imputati, in-nuqqas taghhom li jottemperawhom rwiehmom mal-ligi, tal-karattru refrattiv taghhom li ma jaf ebda limitu, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Is-socjeta` jixirqilha protezzjoni minn persuni bhal l-imputati li bla skruplu ma jiddejqux iccahhdu nies minn dak li bl-gharaq u bil-bzulija rnexxilhom jahdmu ghalih. Minghajr ezitazzjoni ma jiddejqu xejn icahhdu ohrajn minn dak li ghandhom dritt igawwdu u minflok ma jippruvaw jghixu hajja produttiva, iddecidew li jistanaw minn fuq dar haddiehor! Minflok raw kif juzaw opportunitajiet li tul iz-zmien qrati diversi tawhom bil-ghan li jirriformaw rwiehom, ghazlu li jkomplu fi triq li minn jum ghall-iehor setghet twassalhom fuq l-ghatba tal-inkarcerazzjoni. Dak il-jum wasal illum!

Illi gie kkunsidrat li l-imputazzjonijiet numri tnejn, erba, sitta, disa', hdax, tlettax, hmistax u sbatax servew ta' mezz ai fini ghall-ewwel, it-tielet, il-hames, it-tmien, l-ghaxar, it-tnax, l-erbatax u s-sittax l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-dsatax l-imputazzjoni, issib lill-imputati hatja fuq l-akkuzi l-ohra kollha u wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a)(b), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 270, 271(d)(e)(g), 278(1)(2)(3),

[139] **Dok. JGZ5** a fol.356
[140] **Dok. JGZ8** a fol.362
[141] **Dok. JGZ6** a fol.359
[142] **Dok. JGZ7** a fol.361

279(a)(b), 280(1)(2), 281(a)(b), 284, 285, 289 u 325(1)(d) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil Stephen Borg ghal disa snin u nofs prigunerija u lil Antonella Vella ghal disa snin prigunerija.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputata Antonella Vella instabet hatja tal-imputazzjoni nru.21 u cioe` li wettqet reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. fit-**8 ta' Mejju, 2013**, qed tittratta maghha ghall-imputazzjoniji li dwarha kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet; ghalhekk wara li rat l-artikoli l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 112(e) tal-*Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali*, Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Antonella Vella ghal multa ta' mitejn ewro (€200). F'kaz li tali multa ma tithallasx, ghandha tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3)tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imputati wettqu reati bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest , inkluz f'April, 2015, u ghalhekk wara id-dhul fis-sehh tal-emendi ghall-dak l-artikolu,[143] il-Qorti qed tordna li l-ammonti stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u ghaldaqstant:

Fir-rigward ta' Stephen Borg ghandu jigu hekk konfiskat l-ammont totali ta' **€28,000** hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella nhar l-14 ta' Mejju, 2014[144], mill- Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fit-28 ta' Mejju, 2013[145] u mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar il-25 ta' Settembru, 2014[146] kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat taht dawk id-digrieti.

---

[143] Emendi fejn gie introdott is-subartikolu (2) saru bl-***Att VIII tal-2015,*** li ddahhal fis-sehh fil-15 ta' Marzu, 2015.
[144] **Dok.JGZ3** a fol.354
[145] **Dok.JGZ4** a fol.355
[146] **Dok. JG** a fol.459-460

Fir-rigward ta' Antonella Vella ghandu jigu hekk konfiskat l-ammont totali ta' **€20,000** hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella nhar l-14 ta' Mejju, 2014[147] u mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fit-28 ta' Mejju, 2013[148] kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputata taht dawk id-digrieti.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Stephen Borg nhar l-**4 ta' Marzu, 2015**[149] ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. B'hekk b'kollox l-imputat ghandu jiskonta l-perjodu ta' **hdax il-sena u nofs prigunerija.**

Kif ukoll fir-rigward ta' Antonella Vella, wara li rat ukoll l-artikoli l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront taghha nhar it-**8 ta' Lulju, 2013**, [150] ta' sena (1) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom instabet hatja l-akkuzata gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. B'hekk b'kollox l-imputata ghandha tiskonta l-perjodu ta' **ghaxar snin prigunerija.**

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna wkoll il-konfiska tal-vettura tal-ghamla **Seat** bin-numru ta' registrazzjoni **DBP063.**

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2,987.23 bejniethom, rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti.

---

[147] **Dok.JGZ**. a fol.351
[148] **Dok.JGZ1** a fol.352
[149] Fol.423
[150] Fol.359

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**